MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2009

Citazzjoni Numru. 257/2007

Maria Assunta armla ta' Carmelo Mangion (ID 704140 M)

vs

Raymond Agius f'ismu proprju u A.G.S. Co. Limited

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentata mill-attrici fis-7 ta' Marzu, 2007, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

Illi il-fatti hawn taht dikjarati tafhom hi personalment;

Illi fl-24 ta' Novembru 1997, is-socjeta intimata kienet iffirmat ftehim mar-rikorrenti fejn fost affarijiet ohra intrabtet li thallas lir-rikkorrenti is-somma ta' Lm 7500 (sebat elef u hames mitt lira maltin) talli hija irrinunzjat favur l-istess intimata, ghall-pussess tal-gnien, li kien

jifforma parti mill-fond 1/2 Triq Santa Marija Balzan. (kopja tal-iskrittura hija annessa fl-inkartament bhala Dok A).

Illi fuq din l-iskrittura, l-intimat Raymond Agius f'ismu proprju kien wkoll intrabat b'mod solidali u indiviz mas-socjeta intimata AGS Company Limited ghall-obbligi kollha assunti mill-istess socjeta fuq il-ftehim.

Illi minkejja li l-intimati gew interpellati diversi drabi sabiex jhallsu l-ammont pretiz huma baqghu inadempjenti.

Talbet in vista tal-premess illi l-intimati jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tikundanna lill-intimati b'mod solidali u indiviz bejniethom sabiex jhallsuha is-somma ta' Lm 7,500 (sebat elef u hames mitt lira maltin) rappresentanti somma lilha dovuta talli hija irrinunzjat, a favur tas-socjeta' intimata, ghall-pussess tal-gnien tal-fond 1/2 Triq Santa Marija, Balzan u dan skond ftehim bejn il-partijiet datat 24 ta' Novembru 1997.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mill-24 ta' Novembru 1997, data tal-iskrittura sal-effettiv pagament kontra l-intimati ingunti in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda ta' l-attrici;

Rat illi l-konvenuti ipprezentaw ir-risposta guramentata taghhom tardivament; l-attrici opponiet u talbet l-isfilz tar-risposta tal-konvenut u permezz ta' digriet tas-27 ta' Mejju, 2009 il-Qorti laqghet it-talba attrici u ordnat l-isfilz tar-risposta guramentata tal-konvenut;

Rat illi waqt is-seduta tas-27 ta' Mejju 2009 kien prezenti l-avukat difensur tal-konvenut illi bl-ebda mod ma irregistra xi opposizzjoni ghall-imsemmi digriet tal-Qorti;

Rat illi l-avukat difensur tal-konvenut ma deherx aktar ghas-seduti iffissati mill-Qorti;

Semghet lix-xhieda li tressqu;

Rat il-provi li gew prodotti, id-dokumenti li gew esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Semghet it-trattazzjoni tal-avukat difensur ta' l-attrici;

Rat illi l-konvenut huwa kontumaci f'din il-kawza;

Rat illi l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat :

Illi xehdet l-attrici u qalet illi hija tghix fil-fond 1 St Mary Street Balzan u ghandha titolu ta' kera. Hija xehdet illi din il-proprjeta kien xtraha certu Ray Agius, il-konvenut u hi kienet qaltlu li kien ghamel hazin xtara l-proprjeta ghaliex ma kienx bi hsiebha tohrog minnha. Sussegwentement wara ftit xhur, il-konvenut kien talabha taghtih il-gnien kbir illi hija kellha mad-dar taghha u offrielha prezz ta' dan, u hija qalet li kienet tkellmet ma avukat u offrietlu li taghtih lura d-dar bil-gnien b'kollox b'dan illi huwa jaghtiha post zghir fejn tkun tista tghix flimkien ma somma ta' hmistax il-elf lira Maltin (LM15,000). Il-konvenut, wara li kien hasibha, qalilha li kien ser jitlobha taghtih biss il-gnien u ta' dan kien lest ihallasha is-somma ta' sebat elef u hames mitt lira Maltin (LM7,500). Huwa kien qalilha wkoll illi wara kien ser jizviluppa id-dar fejn tghix hi billi jibni fuq u isfel u kien ser jaghtiha d-dritt taghzel wahda minn dawn ir-residenzi biex tghix fiha minghajr ma thallas kera, bil-patt illi meta tmut thallilu c-cwievet, u hi kienet qablet ma dan il-ftehim u giet redatta skrittura li tinsab esebita a fol. 8 tal-process. L-attrici xehdet illi meta iffirmat l-iskrittura kienet assistita minn Dr Paul Farrugia.

Ikkunsidrat :

Illi klawsola 9 tal-imsemmija skrittura tghid illi :

"Fi kwalunkwe kaz il-kumpanija konvenuta tobbliga ruhha li thallas lill-inkwilin l-ewwel pagament ta' hamest elef lira Maltin (LM5,000) fi zmien sena mid-data ta' l-iskrittura."

Illi l-attrici xehdet illi minkejja li ghaddiet is-sena hija ma haditx il-pagament ta' hamest elef lira Maltin (LM5,000) kif pattwit bejnha u bejn il-konvenut.

Illi l-ftehim ighid ukoll illi l-partijiet qeghdin jaqblu illi jekk il-permess ta' l-izvilupp tad-dar ma jinharigx fi zmien tmintax-il xahar mid-data ta' l-iskrittura l-attrici kellha tithallas is-somma ta' elfejn u hames mitt lira Maltin ohra (LM2,500) ma l-iskadenza ta' dak il-perjodu. Izda l-attrici xehdet illi lanqas din is-somma ma giet moghtija lilha mill-konvenut, u il-konvenut kien taha biss xi erba' jew hames mitt lira Maltin u xejn aktar.

Illi l-attrici kompliet tixhed illi l-konvenut hadilha l-gnien illi kellha mad-dar u bena erba' garaxxijiet u bena ukoll fuqhom u bieghhom kollha, izda baqa ma hallas xejn lill-attrici. L-attrici xehdet illi minkejja illi cemplet lill-konvenut diversi drabi u hu dejjem ighid li ser ihallasha, baqa' ma hallasha xejn hlief is-somma ta' erba' jew hames mitt lira Maltin.

Ikkunsidrat :

Illi xehed Dr Paul Farrugia illi kien jassisti lill-attrici meta hija iffirmat l-iskrittura mal-konvenut. Huwa esebixxa vera kopja fotostatika tal-ftehim illi l-attrici iffirmat mal-konvenut proprio et nomine.

Ikkunsidrat :

Illi jirrizulta mix-xhieda tal-attrici illi mis-somma illi qeghda tippretendi minghand il-konvenut trid titnaqqas is-somma ta' hames mitt lira Maltin (LM500) ekwivalenti ghal elf mija erba u sittin euro u disa u disgha u sittin centezmu (€1,464.69), peress illi din is-somma thallset lill-attrici mill-konvenuti, kif diga intqal.

Illi ghalhekk jirrizulta illi l-attrici ghandha tiehu minghand il-konvenut is-somma ta' sittax il-elf tlett mija u hames euro u wiehed u sittin centezmu (€16,305.61), ekwivalenti ghal sebat elef lira Maltin (LM7,000).

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija u fil-kontumacja tal-konvenut proprio et nomine, il-Qorti qeghda taqta u tiddeciedi din il-kawza billi **<u>tilqa</u>’** t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti b’mod solidali u indiviz bejniethom sabiex ihallsu lill-attrici s-somma ta’ sittax il-elf tlett mija u hames euro u wiehed u sittin centezmu (€16,305.61), ekwivalenti ghal sebat elef lira Maltin (LM7,000);

Bl-ispejjez u bl-imghax legali kif mitluba kontra l-konvenut proprio et nomine.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------